



*Kumitat għall-Affarijiet Legali
Il-President*

27.6.2023

Mr Cristian-Silviu Buşoi
President
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tiġħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep) (COM(2022)0046 – C9-0039/2022 – 2022/0032(COD))

Sur President,

Permezz tal-ittra tal-5 ta' Mejju 2023¹, il-President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija talab lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 40(2) tar-Regoli ta' Proċedura, jipprovdi opinjoni dwar l-adegwatezza tal-bażi ġuridika emendata tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tiġħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep) (2022/0032(COD))² (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament propost").

Il-Kumitat JURI eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2023.

I - Sfond

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) kien f'negozjati interistituzzjonali dwar ir-Regolament propost li għandu l-għan li jiżgura l-provvista taċ-ċipep tal-Unjoni billi jagħti spinta lill-produzzjoni u l-innovazzjoni, u jstabbilixxi miżuri ta' emerġenza kontra n-nuqqasijiet.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 173(3), 182(1), 183 u 114 tat-Trattat

¹ D(2023)16808

² COM(2022)46 tat-8.2.2022.

dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fir-rapport tiegħu, adottat fl-24 ta' Jannar 2023, il-Kumitat ITRE ma emendax il-bażi ġuridika proposta mill-Kummissjoni.

Fl-approċċ ġenerali tiegħu, il-Kunsill ħassar il-bażi ġuridika – l-Artikoli 182(1) u 183 tat-TFUE – relatata mar-riċerka fir-rigward tal-Pilastru I (Kapitolu II – Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa). Il-Kunsill argumenta li din il-bidla tirrifletti l-iskop ewlieni tar-Regolament, jiġifieri li jħaffef il-produzzjoni tas-semikondutturi tal-industrija tal-Unjoni, isaħħaħ is-sovranità fil-katina tal-provvista tas-semikondutturi, jagħti spinta lill-kapaċitajiet industrijali, jiffaċilita l-iżvilupp ta' negozji ġodda u SMEs u jħeġġeġ investimenti ġodda fl-innovazzjoni u fl-iżvilupp teknoloġiku. Fl-opinjoni tal-Kunsill, l-Artikoli 182(1) u 183 tat-TFUE (“Riċerka u żvilupp teknoloġiku u spazju”) kienu biss sekondarji għall-oġġettiv ewlieni.

Matul in-negozjati interistituzzjonali, il-koleġiżlaturi ftiehmu b'mod proviżorju dwar it-tħassir tal-bażi ġuridika relatata mar-riċerka. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u skont l-Artikolu 40(2) tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat ITRE talab opinjoni dwar l-adegwatezza tat-tħassir tal-Artikoli 182(1) u 183 tat-TFUE bħala bażi ġuridika sekondarja għar-Regolament propost.

II - L-Artikoli tat-Trattat rilevanti

It-Titolu XVII tat-Tielet Parti tat-TFUE dwar l-"Industrija" jaqra (enfasi mizjuda):

Artikolu 173 (ex Artikolu 157 tat-TKE)

1. *L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu l-kondizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività tal-industrija ta'-Unjoni.*

Għal dan l-għan, skont is-sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni tagħhom għandha tfittex li:

- *tħaffef l-adattament tal-industrija għal bidliet strutturali,*
 - *tinkoraggi l-ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp tal-imprezi fi ħdan l-Unjoni kollha, partikolarment ta' imprezi żgħar u ta' daqs medju,*
 - *tinkoraggi l-ambjent favorevoli għall-kooperazzjoni bejn l-imprezi,*
 - *tikkoltiva l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal- politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku.*
2. *L-Istati Membri, għandhom jikkonsultaw ma' xulxin, b'konnessjoni mal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tiegħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi dik il-koordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw li jstabbilixxu linji gwida u indikaturi, li jorganizzaw l-iskambju tal-aħjar prattika, u li jħejju l-elementi meħtieġa għall-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet perijodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament informat.*
 3. *L-Unjoni għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 1*

permezz tal-politiki u l-attivitajiet li twettaq skont dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jistgħu jiddeċiedu dwar miżuri speċifiċi b'appoġġ għall-azzjoni meħuda fl-Istati Membri sabiex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, minbarra kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri.

Dan it-Titolu ma għandux iservi ta' bażi biex l-Unjoni tintroduċi xi miżura li tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew li jkun fiha dispożizzjonijiet fiskali jew dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet u l-interessi tal-impjegati.

It-Titolu XIX tat-Tielet Parti tat-TFUE, dwar “Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju” jaqra, fost l-oħrajn, (enfasi miżjuda):

*Artikolu 182
(ex Artikolu 166 tat-TKE)*

- 1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw programm qafas pluriennali, li fih ikun hemm spjegati l-attivitajiet kollha tal-Unjoni.*

Il-programm qafas għandu:

- jistabbilixxi l-oġettivi xjentifiċi u teknoloġiċi li jridu jinkisbu permezz tal-attivitajiet li hemm previsti fl-Artikolu 180 u jiddetermina l-prioritajiet rilevanti,*
 - jindika l-linji ġenerali ta' dawk l-attivitajiet,*
 - jistabbilixxi l-ammont kumplessiv massimu u r-regoli dettaljati għall-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-programm qafas u d-diversi ishma f'kull attività prevista.*
- 2. Il-programm qafas għandu jiġi adattat jew supplimentat skont kif tinbidel is-sitwazzjoni.*
 - 3. Il-programm qafas għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi speċifiċi żviluppanti f'kull attività. Kull programm speċifiku għandu jiddefinixxi r-regoli dettaljati sabiex dan jiġi implimentat, sabiex jiġi stabbilit kemm idum, kif ukoll sabiex jiġu provduti il-mezzi li jitqiesu meħtieġa. It-total tal-ammonti li jitqiesu meħtieġa, stabbiliti fil-programmi speċifiċi, ma jistax jeċċedi l-ammont massimu totali stabbilit għall-programm qafas u għal kull attività.*
 - 4. Il-Kunsill li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali u wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali, għandu jadotta l-programmi speċifiċi.*
 - 5. B'mod komplementari għall-attivitajiet imfassla fil-programm qafas pluriennali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' żona ta' riċerka Ewropea.*

*Artikolu 183
(ex Artikolu 167 tat-TKE)*

Sabiex timplimenta il-programm qafas pluriennali, l-Unjoni għandha:

- tiddetermina r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet;***
- tistabbilixxi regoli li jirregolaw id-disseminazzjoni tar-riżultati ta' riċerka.***

Il-Kapitolu 3 tat-Titolu VII tat-Tielet parti tat-TFUE, dwar l-"Approssimazzjoni tal-liġijiet" jaqra, fost l-oħrajn, (enfasi miżjuda):

*Artikolu 114
(ex Artikolu 95 tat-TKE)*

- 1. Ħlief fejn previst xort'oħra fit-Trattati, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 26. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.***
- 2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal dispożizzjonijiet fiskali, għal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-moviment liberu ta' persuni u lanqas għal dawk li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet u l-interessi tal-impjegati.***
- 3. Il-Kummissjoni, fil-proposti tagħha kif maħsuba fil-paragrafu 1 li jikkonċerna s-saħħa, s-sigurtà, il-ħarsien tal-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur, għandha tieħu bħala bażi protezzjoni fl-ogħla livell, waqt li tieħu kont partikolarment ta' kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Fil-limiti tal-poteri rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ukoll ifittxu li jilħqu dan l-objettiv.***
- 4. Jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali fuq il-bażi ta' neċessitajiet maġġuri msemmija fl-Artikolu 36, jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-ambjent jew tal-ambjent tax-xogħol, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll dwar ir-raġuni għaliex għandhom jinżammu.***
- 5. Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jintroduċi dispożizzjonijiet nazzjonali ibbażati fuq prova xjentifika ġdida li għandha x'taqsam mal-ħarsien tal-ambjent jew tal-ambjent tax-xogħol fuq il-bażi ta' xi problema speċifika għal dak l-Istat Membru li toriġina mill-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet li jkollu l-ħsieb jintroduċi kif ukoll bil-bażi għall-introduzzjoni tagħhom.***

6. *Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifika msemmija fil-paragrafi 4 u 5, tapprova jew tiċħad id-dispożizzjonijiet nazzjonali involuti, wara li tkun ivverifikat jekk humiex, jew le meżż ta' diskriminazzjoni arbitrara jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u jekk joħolqux, jew le ostakolu għall-funzjonament tas-sug intern.*

Fin-nuqqas ta' deċizzjoni mill-Kummissjoni matul dan il-perjodu, id-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafi 4 u 5 għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu approvati.

Meta tkun iġġustifikata mill-komplessità tal-materja u meta m'hemmx periklu għas-saħħa umana, il-Kummissjoni tista' tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat li l-perjodu msemmi f'dan il-paragrafu jista' jittawwal b'perjodu ieħor sa sitt xhur.

7. *Meta, bis-saħħa tal-paragrafu 6, xi Stat Membru jkun awtorizzat li jżomm jew jintroduċi dispożizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha immedjatament teżamina jekk tipproponix adattament għal dik il-miżura.*
8. *Meta Stat Membru jqajjem problema speċifika dwar is-saħħa pubblika f'qasam li kien suġġett minn qabel għal miżuri ta' armonizzazzjoni, dan għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni li għandha immedjatament teżamina jekk tipproponix miżuri xierqa lill-Kunsill.*
9. *B'deroga mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 258 u 259, il-Kummissjoni u xi Stat Membru jistgħu jressqu l-materja direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jekk jikkunsidraw li xi Stat Membru ieħor ikun qiegħed jagħmel użu mhux xieraq tal-poteri previsti f'dan l-Artikolu.*
10. *Il-miżuri ta' armonizzazzjoni msemmija hawn fuq għandhom, fil-każi xierqa, jinkludu klawżola ta' salvagwardja li tawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu għal raġuni waħda jew aktar li mhijiex ta' natura ekonomika imsemmija fl-Artikolu 36, miżuri provviżorji suġġetti għall-proċedura tal-kontroll mill-Unjoni.*

III – Il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment ikkunsidrat il-kwistjoni tal-bażi ġuridika xierqa bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni³.

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi ġuridika ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-oġġettiv segwit, iżda trid tiġi ddeterminata skont kriterji

³ Opinjoni 2/00 ("Protokoll ta' Cartagena"), ECLI:EU:C:2001:664, par.5.

oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, inkluż b’mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura⁴.

Jekk l-eżami ta’ miżura juri li din għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, dik il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti⁵. F’każ eċċezzjonali biss, jekk ikun stabbilit li l-att isegwi b’mod simultanju għadd ta’ objettivi, marbutin b’mod li ma jistgħux jinfirdu, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett fir-rigward tal-ieħor, tali att jista’ jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti⁶. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli u ma jdgħajfux id-dritt tal-Parlament Ewropew⁷.

IV – L-għan u l-kontenut tar-Regolament propost

Kif spjegat fin-nota spjegattiva għar-Regolament propost, iċ-ċipep tas-semikondutturi huma ċentrali għall-ekonomija diġitali. Iħaddmu l-prodotti diġitali u huma kruċjali għat-teknoloġiji tal-futur. Fi kliem ieħor, ma jeżisti l-ebda “diġitali” mingħajr iċ-ċipep. B’din il-premessa u fil-kuntest tal-kriżi tas-saħħa reċenti u l-kunflitt armat li għaddej fil-viċinat tal-Ewropa, l-Ewropa osservat tfixkil fil-provvista taċ-ċipep li kkawża nuqqasijiet f’diversi setturi ekonomiċi u konsegwenzi potenzjalment serji għas-soċjetà. Dan it-tfixkil fil-provvista jhedded ħafna setturi Ewropej, inkluż is-setturi tal-karozzi, tal-enerġija, tal-komunikazzjoni u tas-saħħa kif ukoll setturi strateġiċi bħad-difiża, is-sigurtà u l-ispazju. Fl-istess ħin, fis-suq bdew jidhru ċipep foloz li jikkompromettu s-sigurtà tal-apparati u s-sistemi elettroniċi.

Dan kixef vulnerabbiltajiet strutturali fil-ktajjen tal-valur kif ukoll dipendenza Ewropea fuq il-provvista minn għadd limitat ta’ kumpaniji u ġeografiji, u l-vulnerabbiltà tagħha għar-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni ta’ pajjiżi terzi u tfixkil ieħor fil-kuntest ġeopolitiku attwali. Din id-dipendenza tkompli tiggrava minħabba ostakli estremament kbar għad-dħul u l-intensità kapitali tas-settur.

L-atturi Ewropej jinvestu l-aktar fir-riċerka u l-iżvilupp iżda mhux biżżejjed biex ir-riżultati tagħhom jissarrfu f’benefiċċji industrijali. L-Ewropa għandha organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija li huma fost l-aqwa fid-dinja. Madankollu, ħafna riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp Ewropej jintużaw b’mod industrijali barra mill-Unjoni.

⁴ Il-Kawża C-300/89, il-Kummissjoni vs il-Kunsill (“Diossidu tat-titanju”), ECLI:EU:C:1991:244, il-paragrafu 10.

⁵ Ibid. il-paragrafu 30 u l-Kawża C-137/12, il-Kummissjoni vs il-Kunsill, ECLI:EU:C:2013:675, il-paragrafu 53 u l-ġurisprudenza ċitata.

⁶ Il-Kawża C-300/89, il-paragrafi 13 u 17; il-Kawża C-42/97, Il-Parlament vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:1999:81, il-paragrafu 38; l-Opinjoni 2/00, il-paragrafu 23; il-Kawża C-94/03, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (“Il-Konvenzjoni ta’ Rotterdam”), ECLI:EU:C:2006:2 u l-Kawża C-178/03, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill, ECLI:EU:C:2006:4, il-paragrafi 36 u 43.

⁷ Il-Kawża C-300/89, il-paragrafi 17 sa 25; il-Kawża C-268/94 Il-Portugall vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:1996:461.

Ir-Regolament propost għandu l-għan li jilħaq l-oġġettiv strateġiku li jżid ir-reżiljenza tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa filwaqt li fl-istess ħin jistruttura approċċ Ewropew għal din il-kwistjoni u jżid is-sehem mis-suq globali tagħha fis-settur, li għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-suq intern. Ir-Regolament propost huwa maħsub biex ikopri l-katina tal-valur kollha mid-disinjar sal-kapaċitajiet tal-manifattura.

Sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, ir-Regolament propost huwa mibni fuq tliet pilastri:

L-ewwel pilastru: l-istabbiliment tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa biex tappoġġja l-bini tal-kapaċità teknoloġika u l-innovazzjoni fuq skala kbira fl-Unjoni kollha biex jippermettu l-iżvilupp u t-tnejn għall-użu ta' teknoloġiji tas-semikondutturi u kwantistiċi avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss li se jsaħħu l-kapaċitajiet u l-kompetenzi tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna d-disinjar, l-integrazzjoni tas-sistemi u l-produzzjoni taċ-ċipep avvanzati. B'mod aktar speċifiku, l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa tinkludi ħames oġġettivi operazzjonali relatati ma': l-iżvilupp ta' linji pilota, biex jiġu ttestjati u esperimentati teknoloġija tal-proċessi u kunċetti ta' disinn innovattivi; l-iżvilupp ta' pjattaforma għad-disinjar, biex tiffaċilita l-aċċess għar-riżorsi tad-disinn; l-appoġġ għal ċipep kwantistiċi; l-istabbiliment ta' ċentri ta' kompetenza u t-tisħiħ tal-ħiliet, biex iżidu l-aċċess u t-talent madwar l-Unjoni; u Fond għaċ-Ċipep, biex jappoġġja n-negozji ġodda u l-espansjoni tal-SMEs;

It-tieni pilastru: il-ħolqien ta' qafas biex jiżgura s-sigurtà tal-provvista billi jattira investiment u kapaċitajiet ta' produzzjoni akbar fil-manifattura tas-semikondutturi kif ukoll fl-imbellaġġ u l-ittejjar u l-assemblaġġ avvanzati permezz ta' faċilitajiet ta' produzzjoni integrata u fonderiji miftuħa tal-Unjoni li huma l-ewwel tat-tip tagħhom.

It-tielet pilastru: l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-koordinazzjoni tas-sorveljanza u tar-rispons għall-kriżijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex isaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-Istati Membri u bejniethom, jimmonitorja l-provvista tas-semikondutturi, jistma d-domanda, jantiċipa n-nuqqasijiet, jiskatta l-attivazzjoni ta' fażi ta' kriżi u jvara sett iddedikat ta' għodod.

V – Analiżi

L-ewwel għandu jiġi nnotat li t-talba tal-Kumitat ITRE ma tikkonċernax l-adekwatezza tal-Artikolu 173(3) (industrija) u lanqas l-Artikolu 114 tat-TFUE (approssimazzjoni tal-liġijiet/suq intern) bħala l-bażi legali għar-Regolament propost. Il-kwistjoni msemmija hija pjuttost jekk l-Artikoli addizzjonali 182(1) u 183 tat-TFUE (riċerka u żvilupp teknoloġiku u spazju) humiex ukoll bażijiet ġuridiċi xierqa għar-Regolament propost, u hija l-fokus ta' din l-analiżi.

L-ewwel nett huwa utli li jitfakkar li f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa biss b'mod eċċezzjonali li att jista' jkun ibbażat fuq diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti jekk jiġi stabbilit li l-att isegwi simultanament għadd ta' oġġettivi li huma marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett fir-rigward tal-ieħor. Għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk l-għan u l-iskop imfittex mir-Regolament propost li jkun jeħtieġ iż-żieda tal-Artikoli 182(1) u 183 tat-TFUE fil-bażijiet ġuridiċi humiex marbuta b'mod inseparabbli u ma jkunux subordinati mal-bqija tal-oġġettivi bbażati fuq l-Artikoli 173(3) u l-Artikolu 114 tat-TFUE.

Fl-ewwel punt dwar il-bażi legali taħt il-punt 2 tan-nota spjegattiva għar-Regolament propost, il-Kummissjoni tispjega li hija “*ssegwi żewġ objettivi speċifiċi separati, li jiffurmaw partijiet essenzjali mill-objettiv ġenerali tagħha li tistabbilixxi qafas koerenti għat-tiżni tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Unjoni.*” Tkompli tgħid li “*l-ewwel objettiv speċifiku tar-Regolament, il-pilastru 1 sottostanti, huwa li jinħolqu kapaċitajiet kbar ta’ innovazzjoni u l-kapaċitajiet teknoloġiċi adegwati fl-industrija tas-semikondutturi biex titthaffef u tiġi aġġustata l-innovazzjoni*” u li “*fil-pilastru 2 u 3 sottostanti, ir-Regolament għandu l-għan li jżid ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tas-semikondutturi billi jappoġġja u jikkoordina l-investment fil-manifattura avanzata tas-semikondutturi (il-pilastru 2) u jippermetti monitoraġġ ikkoordinat u rispons ta’ kriżi (il-pilastru 3).*”

Wara din id-deskrizzjoni tal-objettivi ġenerali u speċifiċi permezz tal-istruttura tal-pilastru tar-Regolament propost, il-Kummissjoni tispjega li “*l-bażijiet ġuridiki xierqa għall-ewwel objettiv huma l-Artikoli 173(3), 182(1) u 183 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)*” filwaqt li qieset li l-bażi ġuridika xierqa għat-tieni objettiv, il-pilastru 2 u 3 sottostanti, hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.

Il-fokus ta’ din l-analiżi hawnhekk hija għalhekk fuq l-ewwel objettiv speċifiku li fuqu huwa bbażat il-pilastru 1 li għalih il-Kummissjoni tidher li rrikorriet ukoll għall-Artikolu 182(1) u 183 tat-TFUE, li l-adeqwatezza tiegħu hija kkontestata.

Il-Kummissjoni tispjega pjuttost fid-dettall għaliex l-Artikolu 173(3) tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika xierqa. Hija tfakkar li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill “*jistgħu jiddeċiedu dwar miżuri speċifiċi b’ appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fl-Istati Membri biex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni u jiġi żgurati l-aġġustament tal-industrija għal bidliet strutturali minħabba ċikli rapidi ta’ innovazzjoni. Din il-bażi ġuridika, fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-attivitajiet imwettqa mill-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, hija xierqa minħabba li l-pilastru 1 tar-Regolament [propost] għandu l-għan li jthaffef il-produzzjoni tas-semikondutturi tal-industrija tal-Unjoni, isahha is-sovrانيتà fil-katina tal-provvista tas-semikondutturi, jagħti spinta lill-kapaċitajiet industrijali, jiffaċilita l-iżvilupp ta’ negozji ġodda u SMEs innovattivi u jħeġġeġ investimenti ġodda fl-innovazzjoni u fl-iżvilupp teknoloġiku*”.

Madankollu, fir-rigward tal-għażla tal-Artikoli 182(1) u 183 tat-TFUE, il-Kummissjoni sempliċement tiddikjara fin-nota spjegattiva li “*[f]id-dawl tan-natura wiesgħa tal-Inizjattiva, hija bbażata wkoll fuq it-Titolu tat-TFUE “Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju” (l-Artikoli 182(1) u 183)*”. L-istess osservazzjoni tista’ ssir meta wieħed jagħmel referenza għall-premessi u l-artikoli attwali tar-Regolament propost kif miftiehem matul in-negozjati interistituzzjonali, jiġifieri li t-test maqbul ma jressaqx l-objettiv tar-riċerka aktar min-nota spjegattiva għar-Regolament propost. Fil-fatt, l-unika referenza għall-Artikoli 182(1) u 183 tat-TFUE tista’ tinstab fil-memorandum ta’ spjegazzjoni. Għalkemm it-test miftiehem jagħmel referenzi għal “riċerka” (ara, pereżempju l-premessi 10, 11, 12, 15 u l-Artikolu 4 eċċ.) huwa ovvjament ma jimplikax li l-politika ta’ riċerka tkun aktar minn objettiv incidental tar-Regolament propost intrinsikament marbut mal-objettivi tal-industrija jew li ġenwinament tkun issegwi objettiv ta’ politika ta’ riċerka indipendenti.

Għalhekk għandu jiġi konkluż li, f’konformità mal-ġurisprudenza stabbilita, l-attivitajiet relatati mar-riċerka msemmija fir-Regolament propost kif miftiehem matul in-negozjati

interistituzzjonali huma sempliċement inċidentali u subordinati għal wieħed mill-għanijiet ewlenin, jiġifieri t-tiŝih tal-industrija tas-semikondutturi tal-Unjoni.

Konsegwentement, huwa xieraq li jiŝassru l-Artikoli 182(1) u 183 tat-TFUE bħala l-bażijiet ġuridiċi tar-Regolament propost.

VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni

Fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2023, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda, b'16-il vot favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet⁸, li jirrakkomanda lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija li t-tħassir tal-Artikoli 182(1) u 183 tat-TFUE bħala l-bażijiet ġuridiċi għar-Regolament propost jidher xieraq.

Dejjem tiegħek,

Adrián Vázquez Lázara

⁸ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara (President), Sergey Lagodinsky (Viċi President), Marion Walsmann (Viċi President), Lara Wolters (Viċi President), Raffaele Stancanelli (Viċi President), François Alfonsi (għal Marie Toussaint skont l-Artikolu 209(7)), Isabel Carvalhais (għal Maria Manuel Leitão Marques skont l-Artikolu 209(7)), Ilana Cicurel, Angel Dzhambazki, Pierre Karleskind, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Luděk Niedermayer (għal Jiří Pospíšil skont l-Artikolu 209(7)), Emil Radev, René Repasi, Javier Zarzalejos.